

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Ġunju 2017 – Groupe Léa Nature vs EUIPO – Debonair Trading Internacional (SO'BiO ċtic)

(Kawża T-341/13) ⁽¹⁾

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva SO'BiO ċtic — Trade mark tal-Unjoni Ewropea u trade mark nazzjonali verbali preċedenti SO...? — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1) (b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Ħsara għar-reputazzjoni — Artikolu 8(5) u (3) tar-Regolament Nru 207/2009”)

(2017/C 239/54)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Groupe Léa Nature SA (Périgny, Franza) (rappreżentant: S. Arnaud, avukat)

Konvenuta: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Gája, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Debonair Trading Internacional Lda, (Funchal, il-Portugal) (rappreżentant: T. Alkin, barrister)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO, tas-26 ta' Marzu 2013 (Każ R 203/2011-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Debonair Trading Internacional Lda u Groupe Léa Nature SA.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Groupe Léa Nature SA hija kkundannata għall-ispejjeż tagħha kif ukoll għal dawk sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) u mill-intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali u quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

⁽¹⁾ ĠU C 260, 7.9.2013.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Ġunju 2017 – Guardian Europe vs L-Unjoni Ewropea

(Kawża T-673/15) ⁽¹⁾

(“Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Rappreżentanza tal-Unjoni — Preskrizzjoni — Tħassir tal-effetti legali ta' deċiżjoni li tkun saret definitiva — Preċiżjoni tar-rikors — Ammissibbiltà — Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali — Terminu raġonevoli għall-għoti ta' sentenza — Ugwaljanza fit-treatment — Danni materjali — Telf subit — Lucrum cessans — Danni mhux materjali — Rabta kawżali”)

(2017/C 239/55)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Guardian Europe Sàrl (Bertrange, il-Lussemburgu) (rappreżentant: F. Louis, avukat, u C. O'Daly, solicitor)

Konvenuta: L-Unjoni Ewropea, rappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: N. Khan, A. Dawes u P. Van Nuffel, aġenti), u mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Inghelram u K. Sawyer, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE u intiża sabiex jinkiseb kumpens għad-danni li r-rikorrenti allegatament sofriet minħabba, minn naħa, it-tul tal-proċedura fil-kuntest tal-kawża li tat lok għas-sentenza tas-27 ta' Settembru 2012, Guardian Industries u Guardian Europe vs Il-Kummissjoni (T-82/08, EU:T:2012:494), u, min-naħa l-oħra, il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-treatment imwettaq fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2007) 5791 finali, tat-28 ta' Novembru 2007, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu [101 TFUE] u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Kawża COMP/39165 – Ħġieġ ċatt) u fis-sentenza tas-27 ta' Settembru 2012, Guardian Industries u Guardian Europe vs Il-Kummissjoni (T-82/08, EU:T:2012:494).

Dispożittiv

- 1) L-Unjoni Ewropea, irrappreżentata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, hija kkundannata tħallas kumpens ta' EUR 654 523,43 lil Guardian Europe Sàrl bħala danni materjali subiti minn din il-kumpannija minħabba l-ksur tat-terminu raġonevoli għall-għoti ta' sentenza fil-kawża li tat lok għas-sentenza tas-27 ta' Settembru 2012, Guardian Industries u Guardian Europe vs Il-Kummissjoni (T-82/08, EU:T:2012:494). Dan il-kumpens għandu jiġi evalwat mill-ġdid b'interessi kumpensatorji, dekkorribbli mis-27 ta' Lulju 2010 sal-għoti ta' din is-sentenza, bir-rata ta' inflazzjoni annwali stabbilita, għall-perijodu kkonċernat, mill-Eurostat (uffiċċju tal-istatistika tal-Unjoni Ewropea) fl-Istat Membru li fih hija stabbilita din il-kumpannija.
- 2) Il-kumpens imsemmi fil-punt 1) għandu jiżdied bl-interessi moratorji, mill-għoti tas-sentenza odjerna sal-ħlas sħiħ, bir-rata stabbilita mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għall-operazzjonijiet prinċipali tiegħu ta' rifinanzjament, miżjuda b'żewġ punti perċentwali.
- 3) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 4) Guardian Europe għandha tbat i-ispejjeż tal-Unjoni, irrappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea.
- 5) Guardian Europe, minn naħa, u l-Unjoni, irrappreżentata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, min-naħa l-oħra, għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU C 59, 15.2.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Ġunju 2017 – Blaž Jamnik u Blaž vs Il-Parlament

(Kawża T-726/15) ⁽¹⁾

(“Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Kuntratt dwar proprjetà immobbli — Proċedura ta' sejħa għal offerti — Proċedura nnegozjata mingħajr il-pubblikazzjoni ta' avviż ta' kuntratt — Bini għad-dar tal-Unjoni Ewropea f'Ljubljana — Ċaħda tal-proposta wara sħarriġ tas-suq lokali — Għoti tal-kuntratt lil offerent ieħor — Nuqqas ta' eżami tad-dokumenti annessi mal-proposta — Żball ta' liġi — Żball manifest ta' evalwazzjoni”)

(2017/C 239/56)

Lingwa tal-kawża: is-Sloven

Partijiet

Rikorrenti: Jožica Blaž Jamnik u Brina Blaž (Ljubljana, is-Slovenja) (rappreżentant: D. Mihevc, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: V. Naglič, P. López-Carceller u B. Simon, aġenti)

Suġġett

Prinċipalment, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Parlament tat-12 ta' Ottubru 2015 li tiċħad, wara sħarriġ tas-suq lokali, il-proposta mressqa mir-rikorrenti fil-kuntest tal-kuntratt dwar proprjetà immobbli INLO.AO-2013-051-LUX-UGIMBI-06, dwar id-dar futura tal-Unjoni Ewropea f'Ljubljana, u tad-deċiżjoni li l-kuntratt jingħata lil offerent ieħor u, sussidjarjament, talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE u intiża sabiex jinkiseb kumpens għad-danni li allegatament sofrew ir-rikorrenti.

Dispożittiv

1. Ir-rikors huwa miċħud.
2. Jožica Blaž Jamnik u Brina Blaž huma kkundannati għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 98, 14.3.2016.